MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' April, 2005

Numru 1095/2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Julia Schembri** ta' 22 sena, bint missier mhux maghruf u Maria Margaret0 *nee'* Schembri, mwielda Pieta' fl-1 t' April, 1982, residenti f' 'JohnCar Flats', Flt 2, Triq il-Progress, B'Bugia, w detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 195282(M);

Talli fit-3 ta' Settembru, 2004, f'B'Bugia, ghall-habta tal-04.30a.m., ingurjajt, jew heddidt, jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' PC 394 Jurgen Said u PC 440 Kenneth Vella Gregory, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Ukoll talli fl-istess, jum, lok, hin u cirkonstanzi attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika konatra PC 394 J. Said u PC

440 K. Vella Gregory filwaqt li kienu qed jagixxu b’ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti.

Ukoll talli fl-istess jum, lok, u hin ma obdejtx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallejthomx jew fixkilthom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Art. 370(4) tal-Kap 9 tal-15 ta’ Dicembru, 2004, sabiex il-kaz kontra l-imputata jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja, kif ukoll in-nuqqas t’oggezzjoni tal-imputata ghall-istess procedura ;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibha hatja;

Rat l-artikoli 95, 96, u 338 (ee) Kap 9

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputata.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-Art 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------